# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru: 985/2019 TA**

**Clifton Manicolo (ID438083M)**

**Vs**

**Amanda Manicolo (ID432785M)**

**U**

**Neville Vassallo (ID265085M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-Attur fis-16 ta' Ottubru 2019 u maħluf minnu fl-istess data li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

1. ''Illi l-partijiet, flimkien ma' oħthom Rachel Terese Attard Manicolo (KI:349190M) ngħataw permezz ta' titolu ta' donazzjoni rrevokabbli sehem f'propjeta' mmobbli, jiġifieri fond/maisonette hekk kif in arti sopraposta għal garage propjeta' ta' terzi liema garage propjeta ta' terzi jinsab fil-livell tat-Triq, liema fond/maisonette jagħti mill-livell tat-Triq bl-arja ad infinitum sas-sema tiegħu, u dan il-fond/maisonette li għandu n-numru stradali erbgħa u erbgħin (44) gia bin-numru stradali ħmistax (15), fi Triq Stagno, Hal Qormi;

2. Illi l-fond hawn fuq msemmi ingħata b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli lill-kull wieħed u waħda mit-tlett ulied, b'tali mod u manjiera illi kull wild, ser ikollu/jkollha arja tiegħu/tagħha, li fuqhom kull wild ser ikollu spazju għall- appartament u dan kif jixhed il-Kuntratt ta' Donazzjoni magħmul bejn il-partijiet quddiem Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala DOK A;

3. Illi, Rachel Terese Attard Manicolo biegħhet is-sehem tagħha lill-oħtha u ċioe' lil Amanda Manicolo u għaldaqstant, l-intimata akkwistat arja oħra apparti dik mgħotija lilha permezz tal-kuntratt tad-donazzjoni hawn fuq msemmi;

4. Illi l-Intimati u ċioe Amanda Manicolo u l-partner tagħha Neville Vassallo bejnithom kkommissjonaw persuni sabiex jibdew ix-xogħol relattiv mal-kostruzzjoni tal-arja ta' Amanda Manicolo;

5. Illi hekk kif kien qiegħed jitqatta' il-kontra bejt, l-esponenti sab ruħu vittma ta' ħsarat mġarrba minn tali xogħlijiet (Dok CM1 CM65) b'tali mod illi beda jidħollu l-ilma fil-fond tiegħu;

6. Illi l-esponenti kellem lill-intimati li ma ċaħdux il-ħsarat li saru u ammettew ukoll għar-responsabbilta' tagħhom f'dana r-rigward.

7. Illi l-intimati ma kienux koperti minn polza ta' assikurazzjoni meħtieġa bil-liġi f'każi ta' kostruzzjoni ta' bini;

8. Illi l-esponenti ilu tlett (3) snin b'tali problemi li sal-lum il-ġurnata għadu ma rċieva l-ebda forma ta' kumpens mingħand l-intimati, u dana minkejja l-ammissjoni ta' responsabbilta li huma kienu għamlu fir-rigward tal-ħsarat mġarrba mill-fond tal-esponenti.

9. Illi l-esponenti ma kellux għażla oħra għajr li jiftaħ dina l-kawża u dana bl-ispejjeż kontra l-intimati''.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata mill-konvenuti fit-2 ta' Diċembru 2019 u maħluf minnhom fl-istess jum li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

1. ''Illi primarjament, l-esponenti konvenuti qatt ma ġew interpellati mir-rikorrenti permezz ta' att ġudizzjarju jew ittra uffiċċjali sabiex jersqu għal xi riparazzjoniet kif allegatament kienu kkaġunati fil-fond tal-attur ossia 44, Triq Stagno, Hal Qormi.

2. Illi, di piu' l-esponenti qiegħdin jeċċepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi l-imsemmija xogħolijiet u dħul ta' ilma da parti tas-sular ta' fuq il-fond proprjeta ta' rikorrenti seħħew iżjed minn sentejn u nofs ilu;

3. Illi, l-esponenti konvenuti ġew avviċinati mir-rikorrenti bi stima li turi għamara ta

kamra tas-sodda minn ditta rinnovata, sabiex tiġi mibdula b'mobbili ġodda meta l-esponenti huma ċerti illi tali mobbili qatt ma kienu jeżistu fl-istess kamra indikata mir-rikorrenti;

4. Illi, l-esponenti Neville Vassallo offra lil rikorrenti illi jippristina tibjid u xi moffa li setgħet kienet ikkaġunata mill-proprjeta shell form proprjeta tal-esponenti, iżda, r-rikorrenti dejjem ippreżenta ostakoli u ossia stimi ultra esaġerati sabiex jikkwadanja ammonti ferm iżjed minn kemm fir-realta kienu l-allegati ħsarat msemmija fir-rikors promotur;

5. Illi, r-rikorrenti huwa debitur għas-somma ta' għaxart elef u mija u għaxar ewro (10,110 ewro) ad favur l-kreditur Neville Vassallo l-konvenut, u dan kif jirriżulta minn Kuntratt redott minn Nutar Dr. Josef Masini datat u nsinwat fit-23 ta' Novembru 2019, liema Att ta' kostituzzjoni ta debitu kien naxxenti minn skrittura privata ffirmata bejn rikorrenti u l-konvenut fid-9 ta' Marzu 2019. [Dok AM 3].

6. Illi l-esponent konvenut Neville Vassallo għandu raġunijiet biżżejjed sabiex jissuspetta illi r-rikorrenti fil-kawża, qed jivvanta ammonti esaġerati fid-danni allegatament ikkaġunati fil-fond tiegħu sabiex jkopri l-istess somma dovuta minnu skond l-istess Att anness Dok AM 3, u b'hekk l-esponent Neville Vassallo jibqa qatt ma jirkupra s-somma dovuta lilu rappreżentanti xogħolijiet magħmula fil-komun tal-istess binja fejn għandu l-appartament rikorrenti fil-kawża;

7. Illi kif huwa muri, permezz ta' Dok: AM 1 u AM 2, l-esponent Neville Vassallo gia wettaq xogħolijiet reparatorji fil-parti komuni tal-binja, iżda dan il-fatt huwa totalment mhux msemmi fid-dikjarazzjoni ta' fatti fil-kawża odjerna mir-rikorrenti. Inversament għal fatti, l-attur jannetti ritratti li juru bi stat qabel ma trannġaw bibien u ħitan miksija bit-tibjid;

8. Illi, l-esponenti huma ben nfurmati anka ossia mill-istess attur, illi l-fond tiegħu huwa għal bejgħ ma aġenzija għal prezz ta' 250,000 euro.

B'riservi ta' diversi provi oħra ulterjuri li ser jkunu mressqa u prodotti mill-esponenti waqt il-mori tal-kawza''.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

B'din il-kawża, l-Attur qed jitlob danni li huwa jgħid li ġarrab/qed iġarrab fir-residenza tiegħu fit-tieni sular (*second floor*) tal-proprjetá numru 44 (ġia 15), Triq Stagno, Ħal Qormi. Dan is-sular ġie mogħti lilu b'att ta' donazzjoni tal-25 ta' Mejju 2017 bil-mod hemm deskritt (ara fol 6).

Skont ir-Rikorrenti, d-danni minnu reklamati ġew kaġonati minn perkolazzjoni ta' ilma li niżel waqt il-kostruzzjoni mill-appartament sovrastanti, preċiżament meta kien qed jitqatta' l-kontrabejt (ara premessa numru 5; affidavit tal-Attur (a' fol 95 para 5).

L-appartament sovrastanti huwa proprjetá tal-konvenut Neville Vassallo li huwa s-sieħeb tal-konvenuta Amanda Manicolo. Din tal-aħħar hija oħt l-Attur (ara affidavit a' fol 95 para 4).

**Punti ta' Liġi**

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenuti jeċċepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk il-konvenuti jippresupponi li l-azzjoni hija waħda delittwali ossia akwiljana.

A'propositu ta' din l-azzjoni ġie imfisser mill-**Imħallef Caruana Curran fis-sentenza tal-Prim'Awla tat-18 ta' Awwissu 1965 fil-kawża Gaetano Spiteri proprio et nomine vs Thomas Castle** (**Vol. XLIX P II p 1027**) "*il-colpa akwiljana tokkorri meta d-dannu jigi kagonat f' rapport extra-kontrattwali, cioe tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew tad-dover generali neminem laedere kombinat man-negligenza taht l-artikoli 1075,*

*1076 [illum 1031 u 1032] tal-Kodici".* Il-liġi permezz tal-artikolu 1033 tistabilixxi li biex ikun hemm din il-ħtija hemm bżonn li wieħed jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi.

"*Fl-ambitu ta' din il-kolpa dovuta ghan-negligenza, imprudenza jew nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias, il-ligi tinsisti fuq ir-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event li jgib il-hsara lill-proprjeta` tat-terzi. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi jew inverosimili*" (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 258**, **Qorti ta' l-Appell, Lawrence Zammit vs Chairman tal-Bord tat-Tmexxija Istitut ta' l-Istudji Turistiċi et, 18 ta' Mejju 2005**).

Hi wkoll dottrina elementari u magħrufa fil-ġurisprudenza tagħna li "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (**Kollez.** Vol. XXX. I. 142). "*Fi kliem iehor, hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz" (**John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine**, **Appell Kummercjali, 26 ta' Frar**, 1960. Ara wkoll "**Paul Debono -vs- Malta Drydocks**", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' April, 2005;*" (**Martin Paul u Connie konjuġi Vella vs Chris Micallef**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 6 ta' Ottubru, 2010).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari, l-intimati ssollevaw l-estinzjoni tal-azzjoni attriċi bis-saħħa tal-Artikolu 2153 tal-kap. 16, li jitkellem fuq azzjonijiet

għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat. Kif inhu magħruf, din il-preskrizzjoni hija applikabbli f'azzjoni bħal din ta' danni akwiljani (ara **fost oħrajn Improved Design Ltd vs Gialanze, Qorti Ċivili Prim'Awla, 19 ta' Mejju 2005**).

Hekk kif jiddisponi l-artikolu 2137 tal-istess Kodiċi, "*il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata*". Ġie in propositu stabbilit li "*meta tingħata eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, hu meħtieġ li l-Qorti tiddetermina minn meta l-preskrizzjoni applikabbli bdiet għaddejja u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita. (Ara sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' April, 1993, Kollez. Vol. LXXVII.ii.269, fil-kawża fl-ismijiet* ***Victor Quintano v. Georgina Calleja et****.) Minkejja li ż-żmien għall-preskrizzjoni jibda għaddej minn meta ssir il-ħsara, madankollu, din il-Qorti żżid li huwa daqstant paċifiku li meta l-ħsara fil-proprjeta` tkun waħda li testendi fuq medda ta' żmien, u ma tkunx waħda istantanja, peress li l-ħsara tkun ġejja bħal f'dan il-każ, minn dħul ta' ilma, il-ħsara u d-danni mġarrba ma jkunux jistgħu jiġu likwidati qabel ma jitwettqu x-xogħlijiet meħtieġa sabiex il-ħsara tieqaf milli tkompli ssir. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 2009, fil-kawża fl-ismijiet Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri et u l-ġabra ta' ġurisprudenza in materja.) Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu, 2014, fil-kawża fl-ismijiet* ***Il-Bajja Limited v. Inna Korelova****: "...meta n-natura tal-hsarat tkun li l-istess hsarat ikunu kontinwi, it-terminu relattiv ghal bidu tal-perjodu preskrittiv "ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara*

*tieqaf tkompli issir" (Portelli v. Attard – 20 ta' Marzu 1997). Huwa minnu ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet* **Joseph Abela v. Francis Cassar** *deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 2002 gie deciz illi "f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bil-mod ma kienx facli biex wiehed jistabilixxi meta effettivament id-danneggjat setgha japprezza l-gravita` tal-problema u f'kull kaz f'sitwazzjoni bhal din id-decizjoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qieghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll bl-applikazzjoni tal-principju contra non valentem non currit prescriptio." (***George Baldacchino v. James Cefai u Amanda Cefai**, Qorti tal-Appell, 26 ta' Ottubru 2022).

Kif senjalat fil-fatti supra, f'dan il-każ il-perkolazzjoni tal-ilma seħħet meta kien qed jinbena l-appartament sovrastanti dak tal-Attur, preċiżament meta kien qed jitqatta' l-kontrabejt. Isegwi għalhekk li l-ħsara lmentata waqfet milli tkompli ssir mat-tlestija tal-binja tal-appartament sovrastanti.

Dan l-appartament bilfors inbena wara li nqasmet l-arja bil-mod kif ġiet donata mill-ġenituri tal-aħwa Manicolo bil-kuntratt li sar fil-25 ta' Mejju 2017. Dawn il-proċeduri ġew istitwiti fis-16 ta' Ottubru tas-sena 2019, jiġifieri kważi sentejn u ħames xhur wara l-att imsemmi. Għalhekk, sabiex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tintlaqa', għandu jiġi pruvat li l-bini tal-appartament sovrastanti dak tal-Attur tlesta iktar minn sentejn qabel ġiet istitwita l-azzjoni odjerna, jiġifieri fil-perjodu ta' bejn is-26 ta' Mejju u l-15 ta' Ottubru tas-sena 2017. Il-provi mressqin fl-atti tal-proċess madanakollu ma jistabbilixxu ebda data ta' meta tlestiet il-binja ta' dan l-appartament. Mix-xhieda tal-partijiet ma tirrisultax xi data jew epoka

partikolari li magħha din il-Qorti tista' torbot d-dekorrenza ta' żmien ai fini ta' komputazzjoni, fid-dawl tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, li timporta l-estinzjoni tal-azzjoni. Dan qiegħed jingħad, kemm minħabba kif ġrat il-ħsara u anke għaliex li ma jirrisulta xejn konkludenti mix-xhieda tal-partijiet fil-kuntest kronoloġiku ta' minn meta saret d-donazzjoni fuq imsemmija sa meta bdew u ġew konklużi x-xogħolijiet. Għaldaqstant jekk l-azzjoni hija ta' natura delittwali, Il-Qorti ma hiex f'qagħda li tista tiddetermina minn meta l-preskrizzjoni applikabbli bdiet għaddejja.

Iżda l-Qorti tirrileva ukoll, li fiċ-ċirkostanzi, l-preskrizzjoni l-anqas hija naxxenti minn danni akwiljani, iżda pjuttost minn dawk kuntrattwali. Dan qiegħed jingħad, għaliex huwa paċifiku bejn il-partijiet illi **kien hemm qbil** bejniethom, li l-konvenuti jagħmlu tajjeb għad-danni. Ma qablux fuq l-ammont/kwantum tad-danni. Fuq ir-responsabbilita kien hemm ftehim li skond il-liġi jammonta għall-kuntratt. Amanda Manicolo tixhed li "*Ahna il-ftehim taghna dejjem kien li l-hsara ha nhallsuhielu*" (a' fol 124). Dan jikkonfermaħ anke l-konvenut Neville Vassallo fix-xhieda tiegħu (a' fol 129 tergo u 130). Fl-affidavit tiegħu l-Attur jgħid li "…*wara z-zmien gew ghandi Neville u Amanda fejn quddiem ommi Rita Manicolo* <u>*ikkonfermawli li dawn ser jaghmlu tajjeb ghal hsarat*</u> *li kont garrabt*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 95). Għalhekk, jekk qatt kienet applikabbli l-preskrizzjoni, kellha tkun dik taħt artikolu 2165(f) tal-Kodiċi Ċivili u ċioe' l-preskrizzjoni kwinkwennali stante danni kuntrattwali u mhux extra-kuntrattwali.

Il-Qorti tfakkar li b'kuntratt, il-liġi tifhem hekk: *konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih* <u>*tiġi magħmula*</u>*, regolata, jew maħlula obbligazzjoni*

(Emfażi tal-Qorti. Ara artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili). Biex ikun hemm kuntratt ma hemmx ħtieġa li dan isir bil-miktub sakemm il-liġi stess ma timponix il-forma skritta taħt piena ta' nullita'. Għalhekk il-Qorti tqis, li fiċ-ċirkostanzi kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-konvenuti ser jagħmlu tajjeb għad-danni u ċioe' assumew r-responsabbilita'. Għalhekk issir referenza għal dak li ntqal fis-Sentenza tal-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Busuttil -vs- Emmanuel Schembri" deċiża fid-19 ta' Frar 1954** fejn ġie ritenut *"li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. Din il-Qorti rriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkażżjoni ta' kuntratt*." Il-Qorti ċċitat Laurent li jgħallem *"Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario"*.

Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu.

Jirriżulta mill-atti, kif diġa' rilevat aktar 'l fuq, li l-Konvenuti rrikonoxxew li l-Attur ġarrab dannu fil-proprjetá tiegħu konsegwenza tal-kostruzzjoni tal-appartament sovrastanti. Il-Konvenuti madanakollu jilmentaw li l-Attur qiegħed jeżaġera fl-ispejjeż minnu reklamati biex jittenta joqtol dejn li għandu mal-Konvenut Neville

Vassallo (ara att datat 23 ta' Novembru 2019 a' fol 106; eċċezzjonijiet numri 3 sa 7, xhieda Amanda Manicolo a' fol 123 et seq, 139 et seq u 159 et seq, xhieda Neville Vassallo a' fol 129 et seq u 167 et seq).

Fid-dawl ta' dan l-ilment, l-Attur kellu għaldaqstant jipprova "*mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni* *__ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti__*" (**Kollez. Vol. XXX. I. 142**). "*Fi kliem iehor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni* *__li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz__*" (***John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960."*** ).

L-attur mhux biss ma ppruvax dan in-ness rikjest, iżda saħansitra ċaħħad l-istess Konvenuti milli jivverifikaw id-danni kollha reklamati u milli jkunu f'posizzjoni li jikkonstataw anke x'kienet il-kawża tad-danni elenkati mill-Attur. (ara xhieda Amanda Manicolo a' fol 143 a tergo, fol 144, fol 160, xhieda Neville Vassallo a' fol 168 a tergo).

L-Attur qiegħed jippretendi l-ħlas tas-suffett li jiswa €12,400. Talab ukoll €1,462 tal-Kamra tas-sodda. Il-konvenuti lesti li jħallsu l-ammont ta' €3,500 (a' fol 125). Fl-istima li esebit il-konvenuta u li ġiet mogħtija lilha mill-Attur, hemm ammont ta' €1,384 għal "*Communal door in veneer excl lock and handle*".(a' fol 128) meta l-partijiet komuni saru mill-konvenut Neville Vassallo, kif jikkonferma anke l-Attur fl-iskrittura li saret bejniethom mingħajr data, redatta minn nutar Joseph Masini Vento (a' fol 106).

L-Attur jippretendi li din il-Qorti għandha toqgħod fuq stimi li inizjalment ġew prodotti mill-konvenuta u lanqas minnu. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk qattx saret offerta li jinġieb Perit, il-konvenuta tixhed "*iva, anke biex nidhlu naraw. Clifton ma ried lil hadd minn naha taghna ghax hu qal li lil min nqabbdu ahna ma joghgbux qal*" (a' fol 144). L-istess ħaġa Neville Vassallo (ara k/e tiegħu a' fol 169). Il-konvenut anke jgħid "*li l-ircevuti tal-flus li nefaq il-prezz rejali qatt ma urihomli u qeghdin ghandu.* (a' fol170).

L-Attur bħal donnu jrid, li din il-Qorti toqgħod fuq il-kelma tiegħu. L-anqas biss ħass imqar iressaq xi tip ta' stima mhux ta' kemm huma l-prezzijiet tal-oġġetti li jrid jixtri, iżda teknika ta' perit biex jgħid x'inhuma l-ħsarat, kemm jiswew u jekk hux kollha kienu konnessi max-xogħolijiet li saru. Anzi, meta ntalab mill-konvenuti biex iġibu Perit ma ħallihomx. Dan ma hux sewwa.

Għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mal-ammont ta' kumpens li qed jintalab mill-Attur. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma' għandiex tillikwida danni, għaliex anke l-istess konvenuti jirrikonoxxu li xorta ta' ħsarat saru fil-post tal-Attur. Hija sejra għaldaqstant, toqgħod fuq l-ammont imsemmi mill-Konvenuti fix-xhieda tagħhom, jiġifieri dak ta' €3,500 konsistenti fi ħsarat ta' "*cupboard tal-kċina u l-ħajt ta' mal-cupboard tal-kċina* (ara xhieda Amanda Manicolo a' fol 123 a tergo u 125, xhieda Neville Vassallo a' fol 131). Dan l-ammont għandu jitħallas mill-konvenut Neville Vassallo billi, kif jirriżulta mill-fatti suesposti, l-binja sovrastanti għal dik tal-Attur hija proprjetá tiegħu. Għalhekk Amanda Manicolo ser tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni.

**Tillibera** lill-konvenuta Amanda Manicolo mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa'** limitatament l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenut Neville Vassallo responsabbli tal-ħsarat mġarrba mill-Attur kif fuq spjegat.

**Tilqa'** limitatament it-tieni talba billi tordna lill-konvenut Neville Vassallo iħallas lill-Attur għal dawn il-ħsarat li qed ikunu likwidati fl-ammont ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-Kawża, kwantu għal tnejn minn ħames partijiet (2/5) tal-kawża u dawk kollha ta' Amanda Manicolo a' karigu tal-Attur mentri tlieta minn ħames partijiet (3/5) tal-Kawża a' karigu tal-konvenut Neville Vassallo.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**